IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

**Sentenza** tal-Qorti tal-Ġustizzja
fil-Kawża C-108/26 RX | D (Deċiżjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru)

Stqarrija għall-Istampa Nru 144/26

Il-Lussemburgu, 8 ta' Ottubru 2026

# Titjira mdewma: deċiżjoni ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ma tikkostitwixxix, waħedha, ċirkustanza straordinarja li tippermetti lit-trasportatur jevita l-obbligu tiegħu li jikkumpensa lill-passiġġier

*Għall-ewwel darba, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla sentenza tal-Qorti Ġenerali mogħtija b'mod preliminari, billi tqis li l-interpretazzjoni mogħtija fiha tippreġudika l-unità u l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni*

F'Lulju 2023, passiġġiera kellha tivvjaġġa minn Izmir (it-Turkija) għal Varsavja (il-Polonja). It-titjira tagħha waslet iktar minn tliet sigħat tard. L-ajruplan kien diġà wettaq titjira oħra bejn Katowice (il-Polonja) u Izmir u kien huwa stess imdewwem minħabba deċiżjoni ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru. Dik id-deċiżjoni kienet marbuta ma' restrizzjonijiet fl-ispazju tal-ajru fl-Ungerija u fir-Rumanija, li kienu ġew imposti minħabba kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena. Barra minn hekk, wara li l-ajruplan wasal f'Izmir, instab difett tekniku u t-tiswijiet damu iktar minn sagħtejn.

Peress li l-passiġġiera ttrasferixxiet id-dritt tagħha għal kumpens lil kumpannija speċjalizzata, din tal-aħħar qed titlob kumpens ta' EUR 400 mill-kumpannija tal-ajru.

Il-qorti Pollakka, adita bit-tilwima, tikkonstata li, kieku it-telf ta' ħin marbut mal-ġestjoni tat-traffiku kien tnaqqas mid-dewmien totali, it-titjira minn Izmir għal Varsavja kienet tkun waslet inqas minn tliet sigħat tard, li jfisser li l-passiġġiera ma tkunx eliġibbli għal kumpens. Għaldaqstant tixtieq ikun taf f'liema kundizzjonijiet deċiżjoni relatata mal-ġestjoni tat-traffiku bħal dan tista' tikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tad-dritt tal-Unjoni [1] li tista' tiddispensa t-trasportatur mill-obbligu li jħallas il-kumpens.

Fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar 2026 [2], il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea [3] rrispondiet li tali deċiżjoni ma hijiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività ta' trasportatur bl-ajru u li din id-deċiżjoni ma taqax, bħala prinċipju, taħt il-kontroll effettiv tat-trasportatur, indipendentement mir-raġunijiet li mmotivawha, sakemm dan tal-aħħar ma jkunx ikkontribwixxa għall-adozzjoni tagħha. Skont il-Qorti Ġenerali, hija d-deċiżjoni nnifisha, u mhux il-motiv tagħha, li hija determinanti, peress li hija d-deċiżjoni li taffettwa b'mod estern l-eżekuzzjoni tat-titjira. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset li tali deċiżjoni tista' tikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja" anki meta din ma tkunx, waħedha, wasslet għal dewmien ta' mill-inqas tliet sigħat.

Fuq proposta tal-Avukat Ġenerali Ewlieni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li teżamina mill-ġdid parzjalment [4] is-sentenza tal-Qorti Ġenerali minħabba riskju serju ta' preġudizzju għall-unità jew għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.

**Fis-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali effettivament tippreġudika l-unità u l-koerenza tad-dritt tal-Unjoni.** Konsegwentement, hija tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali sa fejn- kienet is-suġġett tal-eżami mill-ġdid.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **kull deċiżjoni ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru ma tistax, minnha nnifisha, tiġi kklassifikata bħala "ċirkustanza straordinarja".** It-trasportaturi bl-ajru huma neċessarjament ikkonfrontati, b'mod ordinarju u regolari, b'dan it-tip ta' deċiżjonijiet fl-eżerċizzju tal-attività tagħhom. Sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' "ċirkustanzi straordinarji", **għandu jiġi eżaminat l-avveniment li wassal għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru** u għandu jiġi vverifikat, każ b'każ, jekk dan l-avveniment, min-natura jew mill-oriġini tiegħu, huwiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur u jaħrab mill-kontroll effettiv tiegħu.

Għaldaqstant, **ma huwiex biżżejjed, għal trasportatur, li jinvoka d-deċiżjoni inkwistjoni sabiex jiġi eżentat mill-obbligu tiegħu ta' kumpens. Huwa għandu juri li din id-deċiżjoni ttieħdet minħabba ċirkustanza li hija stess hija ta' natura straordinarja.**

Billi ssostitwixxiet ir-risposta tagħha għal dik tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, f'dan il-każ, id-deċiżjoni ta' ġestjoni tat-traffiku tal-ajru kienet ittieħdet minħabba restrizzjonijiet tal-ispazju tal-ajru Ungeriż u Rumen, imposti wara kundizzjonijiet meteoroloġiċi ħżiena. **Tali kundizzjonijiet jistgħu jikkostitwixxu ċirkustanzi straordinarji meta jkunu ta' gravità tali li jipprekludu li t-titjira kkonċernata titwettaq b'mod sikur u konformement mal-iskeda inizjalment prevista.** Fil-fatt, f'tali ipoteżi, dawn ma humiex inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur bl-ajru u jaħarbu mill-kontroll effettiv tiegħu. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk dan kienx il-każ f'din il-kawża.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li avveniment jista' jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja" anki jekk, waħdu, ma kkawżax dewmien ta' mill-inqas tliet sigħat fit-titjira. Meta d-dewmien fil-wasla jirriżulta kemm minn tali avveniment kif ukoll minn ċirkustanza oħra, għandu jitnaqqas mid-dewmien totali t-tul imputabbli għaċ-ċirkustanza straordinarja sabiex jiġi ddeterminat jekk il-passiġġier għandux dritt għal kumpens.

**TFAKKIRA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti lill-qrati tal-Istati Membri, fil-kuntest ta' tilwima li jkollhom quddiemhom, jagħmlu lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea domandi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew dwar il-validità ta' att tal-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw esklużivament (1) is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), (2) id-dazji tas-sisa, (3) il-Kodiċi Doganali, (4) il-klassifikazzjoni tariffarja tal-merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda, (5) il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri f'każ li jiġu miċħuda milli jitilgħu abbord jew ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi tat-trasport jew (6) is-sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha kompetenza sabiex tittratta t-talbiet għal deċiżjoni preliminari l-oħra kollha.

Id-deċiżjonijiet preliminari tal-Qorti Ġenerali jistgħu, b'mod eċċezzjonali, jiġu eżaminati mill-ġdid mill-Qorti tal-Ġustizzja, fuq proposta tal-Avukat Ġenerali Ewlieni, fil-każ li jkun hemm riskju serju ta' preġudizzju għall-unità jew għall-koerenza tad-dritt tal-Unjoni. Fl-assenza ta' tali proposta, id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ssir definittiva f'terminu ta' xahar. Min-naħa l-oħra, jekk l-Avukat Ġenerali Ewlieni jipproponi eżami mill-ġdid, ikun meħtieġ li wieħed jistenna l-eżitu tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja sabiex id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ssir definittiva jew sabiex din tiġi ssostitwita bid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

La l-Qorti tal-Ġustizzja u lanqas il-Qorti Ġenerali ma jaqtgħu t-tilwima fil-proċedura nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħti soluzzjoni għall-kawża li jkollha quddiemha konformement mad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja jew tal-Qorti Ġenerali. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li jkunu aditi bi problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-media, li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja. Il-preżentazzjoni tal-fatti u tal-kuntest ġuridiku tirrifletti s-sitwazzjoni fiż-żmien rilevanti u hija bbażata fuq il-proċess tal-kawża.

It-test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt tas-sentenza huma ppubblikati fis-sit CURIA dakinhar li tingħata.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ✆ (+352) 4303 3355.

Immaġni tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "Curia Web TV" kif ukoll fuq "European Broadcasting Service" ✆ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

[1] L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma

jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91.

[2] Sentenza tal-21 ta' Jannar 2026, D (Deċiżjoni dwar il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru), T-134/25.

[3] Mill-1 ta' Ottubru 2024, il-Qorti Ġenerali għandha kompetenza sabiex tiddeċiedi fuq talbiet għal deċiżjonijiet preliminari rigward sitt oqsma speċifiċi, inklużi l-kumpens u l-assistenza lill-passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu jew fil-każ ta' dewmien jew kanċellazzjoni ta' servizzi ta' trasport (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa Nru 125/24).

[4] L-eżami mill-ġdid jirrigwarda biss ir-risposti tal-Qorti Ġenerali għall-ewwel żewġ domandi mill-erba' domandi magħmula mill-qorti nazzjonali. Ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tissostitwixxi r-risposta tagħha għall-motivi stabbiliti mill-Qorti Ġenerali fit-tielet u fir-raba' domanda, li ma kinux suġġett ta' eżami mill-ġdid.